# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 623.12

## REGOLAMENTI DWAR IL-LIĊENZJA TAL-BENNEJJA

6 ta' Awwissu, 2024

*L-AVVIŻ LEGALI 184 tal-2024, kif emendat bl-Avviż Legali 377 tal-2024.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Liċenzja tal-Bennejja. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"applikant" tfisser persuna fiżika li tissottometti applikazzjoni sabiex tinħarġilha liċenzja skont dawn ir-regolamenti;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni; Kap. 623.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni kif imwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att;

"bennej" jew "bennej liċenzjat" tfisser kwalunkwe persuna li ssewwi jew tibni, kompletament jew parzjalment, xi struttura magħmula mill-konkrit, ġebel, briks jew azzar, inkluż il-manutenzjoni jew it-tibdil ta' tali struttura, anke fejn ix-xogħol magħmul jew mibdi minn dik il-persuna jikkonsisti biss fil-bini ta' ħajt jew kolonna jew travu jew kwalunkwe element strutturali ieħor maħsub sabiex jifforma parti minn bini, jew fil-bini ta', iżda mhux limitat għal, bir, ċisterna, fossa jew kanal għall-mogħdija ta' ilma maħmuġ jew ħmieġ tad-drenaġġ jew ċint sabiex tinżamm il-ħamrija jew kwalunkwe materjal jew likwidu ieħor;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni kif imwaqqaf bl-artikolu 11 tal-Att;

"kostruzzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat dwar il-Liċenzjar tal-Bennejja kif imwaqqaf bir-regolament 5;

"liċenzja" tfisser liċenzja li permezz tagħha persuna tista' twettaq f'Malta kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni ta' bini skont dawn ir-regolamenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex stat membru tal-Unjoni Ewropea;

Kap. 622.

"Perit" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Periti;

"proġett" tfisser kwalunkwe proġett ta' żvilupp li bennej ikun tqabbad li jwettaq;

"Reġistru" tfisser ir-Reġistru miżmum mill-Awtorità kif provdut fir-regolament 17;

"Stat Membru" tfisser stat li huwa membru tal-Unjoni Ewropea;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni kif stabbilit taħt it-Taqsima VIII tal-Att;

"Uffiċjal Kap Eżekuttiv" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

Kap. 460.

"Unjoni Ewropea" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea.

Liċenzja tal-bennej.

**3.** (1) Is-sengħa ta' bennej għandha tiġi eżerċitata minn bennej debitament liċenzjat skont dawn ir-regolamenti u kwalunkwe xogħol relatat mal-kostruzzjoni ġenerali tal-bini għandu jsir minn bennej liċenzjat jew taħt id-direzzjoni ta' bennej liċenzjat.

(2) Id-drittijiet applikabbli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja u t-tiġdid tagħha għandhom ikunu dawk preskritti fl-Iskeda I.

Responsabbiltà tal-bennej.

**4.** Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-bennej li:

(a) jimxi mal-kondizzjonijiet ta' liċenzja u ma' kwalunkwe rekwiżit li jista' jiġi impost mill-Awtorità fir-rigward tal-operat tal-imsemmija liċenzja;

(b) jiżgura li l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe xogħlijiet tkun konformi mal-linji gwida ta' prattika tajba li għandhom x'jaqsmu mas-sengħa ta' bennej li jistgħu jinħarġu mill-Awtorità;

(ċ) jimxi ma', u jwettaq kwalunkwe xogħlijiet ta' kostruzzjoni skont it-tpinġijiet approvati tal-kostruzzjoni jew kwalunkwe dokument rilevanti ieħor maħruġ mill-Perit inkarigat mill-proġett f'dak li għandu x'jaqsam mas-sengħa ta' bennej;

(d) ikun preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni matul iż-żmien kollu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni meta l-bennej liċenzjat jiġi mqabbad sabiex iwettaq jew jissorvelja x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

**5.** (1) Għandu jitwaqqaf kumitat li għandu jkun magħruf bħala l-Kumitat dwar il-Liċenzjar tal-Bennejja, li għandu jinħatar mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Bord.

Twaqqif tal-Kumitat.

(2) Il-Kumitat għandu jkun kompost minn mhux inqas minn ħames (5) membri u mhux aktar minn tlettax (13) li għandu jkollhom għarfien u għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni, ħwejjeġ legali jew suġġetti oħra relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni:

Iżda wieħed (1) mill-membri għandu jaġixxi ta' Chairperson tal-Kumitat:

Iżda wkoll wieħed (1) mill-membri għandu jkun bennej liċenzjat:

Iżda wkoll żewġ (2) membri għandhom ikunu Periti bil-warrant u wieħed (1) minnhom għandu jkun ilu jeżerċita l-professjoni għal mill-inqas għaxar (10) snin:

Iżda wkoll il-Ministru jista' jinnomina wieħed (1) mill-membri bħala Viċi Chairperson u l-membru hekk nominat għandu jkollu dawk is-setgħat kollha u jwettaq il-funzjonijiet kollha taċ-Chairperson matul l-assenza temporanja taċ-Chairperson jew f'każ li ċ-Chairperson ma jkunx jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu.

**6.** Il-Kumitat għandu jkollu segretarju li għandu jinħatar mill-Ministru u li għandu jkollu tali dmirijiet li jistgħu jiġu assenjati mill-Kumitat.

Segretarju tal-Bord.

**7.** L-Awtorità għandha tipprovdi l-appoġġ amministrattiv meħtieġ lill-Kumitat għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

Appoġġ amministrattiv lill-Kumitat.

**8.** (1) Il-membri tal-Kumitat u s-segretarju għandhom jibqgħu fil-kariga għal terminu ta' tliet (3) snin b'tali pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jistabbilixxi.

Terminu tal-kariga.

(2) Il-membri tal-Kumitat u s-segretarju għandhom ikunu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid għal termini ulterjuri mal-iskadenza tat-terminu oriġinali tal-kariga tagħhom.

**9.** (1) Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

Funzjonijiet tal-Kumitat.

(a) li joħroġ liċenzji tal-bennejja skont dawn ir-regolamenti:

Iżda l-Bord jista' jwaqqaf sottokumitati jew jaħtar tali persuni li għandhom kwalifiki professjonali u, jew għarfien u esperjenza fi kwistjonijiet relatati mal-bini u l-kostruzzjoni sabiex jassistu fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal liċenzja;

(b) li jimplimenta kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-

Bord dwar rekwiżiti ta’ liċenzjar inkluż l-organizzazzjoni tal-eżami msemmi fir-regolament 15(1);

(ċ) li jżomm ir-reġistri meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu;

(d) li jabbozza rapporti li għandhom jiġu diskussi mal-Bord:

(i) dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għal dawn ir-regolamenti, inkluż kwalunkwe applikazzjoni;

(ii) dwar kwalunkwe kwistjoni li għandha x’taqsam mal-proċess ta’ liċenzjar; u

(iii) dwar kwalunkwe kwistjoni oħra li għandha x’taqsam mas-sengħa tal-bennej li l-Bord jista’ jkun meħtieġ li jindirizza permezz ta’ regolamenti, politiki u kwalunkwe emenda tagħhom;

(e) iwettaq tali funzjonijiet l-oħra li jistgħu, minn żmien għal żmien, jiġu assenjati lilu mill-Ministru b’konsultazzjoni mal-Awtorità.

Proċedura u laqgħat tal-Kumitat.

**10.** (1) Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jiġu msejħa miċ-Chairperson kemm fuq inizjattiva tiegħu stess kif ukoll wara li tintlaqa’ t-talba ta’ kwalunkwe membru tal-Kumitat, u l-Kumitat għandu wkoll jiltaqa’ f’tali drabi li jista’ jiddeċiedi hu stess:

Iżda l-Kumitat għandu jiltaqa’ minn tal-inqas darba f’kull xahar kalendarju.

(2) Il-kworum tal-Kumitat għandu jikkonsisti miċ-Chairperson jew mill-Viċi Chairperson, u mhux inqas minn nofs in-numru tal- membri l-oħra li jikkostitwixxu l-Kumitat, fil-ħin tal-laqgħa.

(3) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu b’maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-laqgħa:

Iżda ċ-Chairperson f’laqgħa għandu jkollu vot oriġinali, u f’każ ta’ voti ndaqs, vot deċiżiv.

(4) Il-Kumitat jista’ jaġixxi minkejja kwalunkwe post battal fost il-membri tiegħu, kemm-il darba l-kworum stabbilit skont is-subregolament (2) ikun sodisfatt.

(5) Il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 16 tal-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-membri tal-Kumitat.

Rimunerazzjoni tal-membri tal-Kumitat.

**11.** Il-membri tal-Kumitat għandhom jitħallsu skont il-kriterji li jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien fi ħdan is-settur pubbliku.

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenza.

**12.** (1) L-Awtorità għandha tippubblika avviż fil-Gazzetta u fuq il-website tal-Awtorità li jindika l-perjodu ta' żmien li fih għandha tibda tirċievi u taċċetta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-bennejja.

(2) L-avviż għandu:

(a) jispeċifika l-forma, l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja skont dawn ir-regolamenti;

(b) id-dati u l-ħinijiet għall-eżami; u

(ċ) id-drittijiet tal-applikazzjoni skont l-Iskeda I.

Eliġibbilità.

**13.** L-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti kif stipulati, fejn hu:

(a) ikun għalaq tmintax (18)-il sena u jkun ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru ieħor jew ikun xort'oħra awtorizzat li jaħdem f'Malta skont kwalunkwe liġi;

(b) ikollu fil-pussess tiegħu ċertifikat ta' kwalifika jew kompetenza fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni:

Iżda fejn il-Kumitat iqis li hemm differenza sostanzjali bejn iċ-ċertifikati ta' kwalifika jew kompetenza pprovduti mill-applikant, il-Kumitat jista' jagħti lill-applikant l-opportunità li juri, permezz ta' test ta' ħila, li hu kiseb l-esperjenza, l-għarfien u, jew il-kompetenza meħtieġa sabiex jagħmel tajjeb għal tali nuqqas:

Iżda wkoll jekk l-applikant ma jkollux xi ċertifikati ta' kwalifika jew kompetenza, il-Kumitat jista' jqis l-għarfien, il-kompetenza u, jew l-esperjenza tal-applikant f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' bini bħala komparabbli; u

(ċ) hija persuna ta' reputazzjoni u kondotta tajba:

Iżda l-applikant ma għandux jitqies li jissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk:

(i) fi kwalunkwe żmien fi żmien sentejn (2) qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħu, ikun instab ħati minn Qorti kompetenti ta' reat kif maħsub fl-Att jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu; jew

(ii) fi kwalunkwe żmien fi żmien sentejn (2) qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħu, ikun instab ħati ta' kwalunkwe reat korrispondenti skont il-

liġi ta' kwalunkwe pajjiż jew territorju barra minn Malta:

Iżda wkoll jekk l-applikant kellu inqas minn tmintax (18)-il sena meta nstab ħati, il-perjodu msemmi fis-subparagrafi (i) u (ii) għandu jitnaqqas għal sena (1).

Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja.

**14.** Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fil-forma preskritta mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti, u għandha tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fir-regolament 13 flimkien mar-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

(a) l-indirizz provdut mill-applikant u l-indirizz tal-posta elettronika tal-applikant;

(b) kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa li tista' tintalab mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-ħlas tad-dritt kif provdut fl- Iskeda I; u

Kap. 77.

(d) ċertifikat tal-kondotta maħruġ skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, maħruġ mhux aktar tard minn xahrejn (2) mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni:

Iżda fejn l-applikant ma jkunx persuna abitwalment residenti f'Malta, minflok għandu jiġi pprovdut dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti tal-pajjiż ta' residenza abitwali tiegħu.

Eżaminazzjoni u deċiżjonijiet ta' liċenzjar mill-Kumitat.
*Sostitwit:*
*A.L. 377 tal-2024.*

**15.** (1) Il-Kumitat għandu jevalwa l-kompetenza professjonali tal-applikant permezz ta' eżami li jsir għal tali għan sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' kompetenza tal-applikant fis-suġġetti elenkati fl-Iskeda II, wara li l-applikant ikun temm b'suċċess il-kors ta' taħriġ inizjali provdut mill-Awtorità jew kwalunkwe kors ieħor akkreditat li l-Awtorità tista' tqis xieraq.

(2) L-eżami għandu jkun fil-forma ta' eżami bil-miktub u, jew orali u eżami prattiku.

(3) L-eżami għandu jiġi evalwat kif ġej:

(a) attendenza għall-korsijiet ta' taħriġ inizjali u, jew korsijiet akkreditati – 20%;

(b) bil-miktub u, jew orali – 40%; u

(ċ) prattika – 40%.

(4) Jekk l-applikant jeħel fl-eżami bil-miktub u, jew orali jew fl-eżami prattiku, huwa għandu jkollu d-dritt li jerġa' joqgħod għall-imsemmija parti tal-eżami fis-sessjonijiet kollha provduti mill-Awtorità fi żmien sena (1):

Iżda jekk l-applikant jonqos milli jgħaddi mill-eżami stipulat fi żmien sena (1) mill-ewwel eżami, huwa għandu d-dritt li jerġa' japplika għal-liċenzja tal-bennej mill-ġdid:

Iżda wkoll l-applikant jista', wara li jkun falla żewġ (2) tentattivi fil-perjodu stipulat ta' sena (1), jikteb lill-Kumitat, li fid-diskrezzjoni tiegħu għandu jikkunsidra l-applikazzjoni tal-applikant abbażi tal-esperjenza.

(5) Jekk il-Kumitat jilqa' t-talba tal-applikant u jikkunsidra l-applikazzjoni tal-applikant abbażi tal-esperjenza tiegħu, il-Kumitat għandu jwaqqaf sottokumitat ta' esperti li għandu jevalwa l-portafoll tal-applikant.

(6) Is-sottokumitat ta' esperti għandu jkun kompost minn ħames (5) membri li għandu jkollhom għarfien u għarfien espert fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni, il-kwistjonijiet legali, is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jew suġġetti oħra relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni:

Iżda wieħed (1) mill-membri għandu jkun bennej liċenzjat:

Iżda wkoll wieħed (1) mill-membri għandu ikollu l-warrant ta' Perit li għandu jkun ilu jipprattika l-professjoni għal mill-inqas għaxar (10) snin.

(7) Il-Kumitat għandu jasal għal deċiżjoni dwar applikazzjoni sottomessa skont dawn ir-regolamenti fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data li fiha jiġi komplut l-eżami:

Iżda fejn il-Kumitat jonqos milli jasal għal deċiżjoni dwar applikazzjoni, għandha tiskatta konċessjoni ta' darba (1) ta' perjodu ta' ħmistax (15)-il jum li matulu għandha tittieħed deċiżjoni finali.

(8) Fi kwalunkwe stadju qabel id-determinazzjoni finali tal-applikazzjoni, il-Kumitat jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni dwar l-applikant minn kwalunkwe awtorità kompetenti, kif jista' jqis meħtieġ.

Ħruġ u tiġdid ta' liċenzja.

**16.** (1) Il-Kumitat għandu jkun responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzja tal-bennej.

(2) Il-liċenzja għandha tkun valida għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data li fiha tkun inħarġet sakemm ma tiġix revokata jew sospiża xort'oħra.

(3) Liċenzji maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti għal tiġdid kull sentejn (2):

Iżda għall-finijiet tat-tiġdid ta' liċenzja, il-bennej

liċenzjat għandu jissottometti applikazzjoni valida u kompleta fil-forma preskritta mill-Awtorità, lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv flimkien mad-dritt stabbilit fl-Iskeda I, mhux aktar tard minn disgħin (90) jum qabel id-data ta' skadenza tal-liċenzja valida:

Iżda ukoll, fil-każ li l-applikazzjoni għal tiġdid ma tiġix ippreżentata fit-terminu stabbilit, il-Kumitat jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta t-tiġdid tal-applikazzjoni biss, jekk l-applikant jagħti raġuni valida.

Kap. 10.

(4) Għall-ewwel tiġdid ta' liċenzja maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Kumitat jista' jissoġġetta lill-applikant għal proċess ta' eżami kif stipulat fir-regolament 15.

Reġistru.

**17.** (1) Id-dettalji tal-liċenzja għandhom jinżammu fir-Reġistru miżmum mill-Awtorità, u għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) in-numru ta' referenza tal-liċenzja;

(b) id-dettalji tal-bennej liċenzjat;

(ċ) id-data tal-ħruġ tal-liċenzja; u

(d) kwalunkwe kondizzjoni fuq il-liċenzja imposta mill-Kumitat.

(2) Il-bennej debitament liċenzjat għandu jgħarraf lill-Awtorità mingħajr dewmien bi kwalunkwe tibdil fid-dettalji tal-liċenzja u kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni sottomessa bħala parti mir-rekwiżiti għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni skont ir-regolament 14.

Rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja.
*Sostitwit: A.L. 377 tal-2024.*

**18.** (1) Meta l-Kumitat jirrifjuta applikazzjoni, hu għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data li fiha jkun kompletat l-eżami.

(2) L-avviż kif previst fis-subregolament (1) għandu jispeċifika li l-applikant għandu d-dritt sabiex, fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data tal-komunikazzjoni, jitlob għar-reviżjoni tal-eżami u jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Kumitat.

(3) Jekk il-Kumitat, wara r-reviżjoni u r-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-applikant, jibqa' jqis li l-applikant falla mill-eżami, għandu jinforma lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu bil-miktub.

Applikazzjoni għat-tħassir ta' liċenzja.

**19.** (1) Meta kwalunkwe bennej debitament liċenzjat japplika mal-Awtorità għat-tħassir tal-liċenzja, l-applikazzjoni għandha ssir fil-forma preskritta mill-Awtorità u għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas tad-dritt għat-tħassir stabbilit fl-Iskeda I. L-applikazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mill-applikant li tispeċifika li l-applikant ma huwa konxju tal-ebda proċeduri jew ta'

kwalunkwe raġuni oħra għall-istituzzjoni ta' xi proċeduri li jistgħu jwasslu fit-tneħħija ta' ismu mir-reġistru miżmum mill-Awtorità.

(2) Il-Kumitat għandu, fi żmien tletin (30) jum minn meta jirċievi applikazzjoni għat-tħassir ta' liċenzja, jneħħi tali liċenzja mir-reġistru:

Iżda kwalunkwe tħassir għandu jkun bla ħsara għar-responsabbiltà tal-applikant dwar xi xogħol jew servizzi mogħtija mill-applikant qabel tali tħassir, jew xi danni jew korrimenti li jirriżultaw minnu.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kumitat għandha tiġi komunikata lill-applikant fi żmien tletin (30) jum minn tali deċiżjoni permezz ta' posta reġistrata.

Provvista ta' taħriġ u korsijiet.

**20.** L-Awtorità għandha titlob lill-bennejja liċenzjati sabiex jattendu korsijiet meta l-Awtorità tqis li jeżistu prattiċi ġodda u regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-sengħa tal-bennej u l-kompetenzi b'żieda ma' dawk elenkati fl-Iskeda II ġew introdotti, sabiex jiġi aċċertat li l-applikanti huma kapaċi li jwettqu kwalunkwe xogħol kopert bil-liċenzja:

Iżda l-Awtorità għandha teħtieġ ukoll l-attendenza u l-komplettar ta' tali korsijiet qabel kwalunkwe applikazzjoni ta' tiġdid sussegwenti.

Reati.

**21.** (1) Kull min jassumi s-sengħa ta' bennej b'liċenzja sospiża jew mingħajr liċenzja valida maħruġa skont dawn ir-regolamenti, għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u għandu jeħel meta jinsab ħati, multa li teċċedi elf euro (€1,000) iżda li ma teċċedix elfejn euro (€2,000), u fil-każ ta' reat kontinwat multa ulterjuri ta' ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li matulha r-reat jippersisti.

(2) Kull min jonqos milli jħares kwalunkwe kondizzjoni tal-liċenzja maħruġa skont it-termini ta' dawn ir-regolamenti jew li jaġixxi bi ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u għandu jeħel meta jinsab ħati, multa li teċċedi elf euro (€1,000) iżda li ma teċċedix elfejn euro (€2,000), u fil-każ ta' reat kontinwat multa ulterjuri ta' ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li matulha r-reat jippersisti.

(3) Kull min jagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u għandu jeħel meta jinsab ħati, multa li teċċedi elf u ħames mitt euro (€1,500) iżda li ma teċċedix elfejn euro (€2,000), bla ħsara għal kwalunkwe piena oħra ogħla li għaliha l-applikant jista' jkun soġġett għaliha taħt xi liġi oħra.

(4) Il-Qorti tista', meta tikkundanna lill-bennej liċenzjat għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti, b'żieda ma' kwalunkwe wieħed (1)

mill-pieni speċifikati f'dawn ir-regolamenti, tordna s-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenzja għal kwalunkwe terminu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Penali amministrattiva.

**22.** (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, u bla ħsara għal kwalunkwe proċedura oħra li għaliha l-persuna jew l-entità li taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti tista' tkun responsabbli taħt kwalunkwe liġi oħra, fil-każ ta' xi ksur ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha toħroġ avviż ta' infurzar skont l-artikolu 23 tal-Att u, jew timponi penali amministrattiva skont l-artikolu 26 tal-Att fl-ammont li ma jeċċedix elfejn euro (€2,000), u fil-każ ta' reat kontinwat multa ulterjuri ta' ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li matulha r-reat jippersisti.

(2) Fil-każijiet kollha fejn l-Awtorità timponi penali amministrattiva fir-rigward ta' kwalunkwe ħaġa li saret jew li naqset milli ssir minn xi persuna skont dawn ir-regolamenti u fejn tali att jew ommissjoni jikkostitwixxu wkoll reat kriminali, ma jistgħux jiġu istitwiti proċeduri kontra l-persuna fir-rigward ta' tali reat meta tali persuna taċċetta r-responsabbiltà għall-ksur ta' dawn ir-regolamenti li dwaru tiġi imposta l-penali amministrattiva u timplimenta kwalunkwe miżura rimedjali li tista' tiġi ordnata mill-Awtorità u tħallas il-penali amministrattiva imposta fuqha.

Sospensjoni u revoka ta' liċenzja.

**23.** (1) Minkejja kwalunkwe penali amministrattiva u, jew piena oħra li għalihom l-applikant, jew il-bennej liċenzjat jista' jeħel taħt dawn ir-regolamenti, l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, il-Bord jista' jirrevoka jew jissospendi temporanjament kwalunkwe liċenzja maħruġa skont dawn ir-regolamenti, minħabba nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe kondizzjonijiet tal-liċenzja jew ta' kwalunkwe rekwiżit stabbilit fl-Att jew f'xi regolament magħmul taħtu.

(2) Liċenzja sospiża skont dawn ir-regolamenti tista' terġa' tinħareġ mill-Bord jekk il-ksur jew in-nuqqas jiġi ratifikat skont dawn ir-regolamenti, u tali liċenzja tista' tkun soġġetta għal kwalunkwe tali kondizzjoni addizzjonali li l-Bord iqis meħtieġ.

L.S. 623.06.
L.S. 623.09.

(3) Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tista' meta issib bennej liċenzjat ħati għal xi reat relatat mal-kostruzzjoni u, bla ħsara għas-setgħat tal-Awtorità skont ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni u r-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni, tissospendi kull bennej liċenzjat mill-eżerċizzju tas-sengħa ta' bennej għal kwalunkwe perjodu ta' żmien u, għal dan il-għan, tista' wkoll tordna lill-Awtorità sabiex tirrevoka liċenzja maħruġa skont dawn ir-regolamenti jew tiċħad it-tiġdid tagħha.

(4) L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż ta' deċiżjoni pubblikat fil-Gazzetta, avviż fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità u notament fir-reġistru, tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-ismijiet u d-dettalji tal-bennej liċenzjat li l-liċenzja tiegħu tkun ġiet

sospiża jew revokata.

(5) Kwalunkwe persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità dwar ir-revoka jew is-sospensjoni ta' liċenzja jew ta' kwalunkwe kondizzjoni tagħha, għandha dritt ta' appell lit-Tribunal skont it-termini tal-Att.

(6) Fil-każ ta' sospensjoni jew revoka ta' liċenzja provduta f'dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha, tiddeċiedi li terġa' ddaħħal il-persuna jekk dik il-persuna, mas-sottomissjoni ta' applikazzjoni ġdida, tipprovdi evidenza u assigurazzjoni biżżejjed li l-applikant ikun ħa l-miżuri meħtieġa sabiex jirrettifika kull okkorrenza jew ksur li jkun irriżulta fir-revoka jew fis-sospensjoni tal-liċenzja.

Dispożizzjoni tranżitorja. *Emendat: A.L. 377 tal-2024.* Kap. 10.

**24.** Kull persuna li mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkollha fil-pussess tagħha liċenzja valida maħruġa skont il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija li tawtorizza lill-persuna teżerċita s-sengħa ta' bennej għandha titqies li jkollha l-liċenzja kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti:

Iżda l-liċenzji validi attwali kollha li jiskadu fis-sena 2024 għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2025, u applikazzjoni għal tiġdid għandha tiġi sottomessa wara li l-Awtorità tkun ħarġet tali avviż.

---

SKEDA I
Drittijiet
(regolamenti 3, 12, 14, 16 u 19)

Drittijiet tal-applikazzjoni fir-rigward ta':

| | |
|---|---|
| (1) applikazzjoni ġdida | €50 |
| (2) applikazzjoni għat-tiġdid ta' liċenzja | €50 |
| (3) applikazzjoni għat-tħassir tal-liċenzja | €50 |

SKEDA II
Kompetenza professjonali għal bennej
(regolamenti 15 u 20)

Din li ġejja hija lista ta' kompetenzi li huma meħtieġa għall-prattika tas-sengħa ta' bennej f'Malta:

A. ĠEOMETRIJA:

1. Il-ħila teknika għall-interpretazzjoni tat-tpinġijiet tad-disinn u l-bidu tax-xogħol fuq is-sit, ix-xogħlijiet tal-bini, ix-xogħlijiet

tal-inġinerija ċivili u xogħolijiet oħra relatati.

2. Sterjotomija: Il-ħila teknika li tpinġi u tirriproduċi dettalji għall-manifattura ta' oġġetti tal-ġebel meħtieġa għall-istruttura ta' elementi strutturali tal-ġebel bħal ħitan, kolonni, sistemi ta' tisqif, arkati u turġien.

3. Ħila li:

(a) tpinġi bisezzjoni ta' linja;

(b) tpinġi bisezzjoni ta' angolu;

(ċ) tpinġi diviżjoni ta' linja;

(d) tpinġi taqsim ta' ċirku fi tnax (12)-il parti ugwali;

(e) tpinġi trijangolu ekwilaterali;

(f) tikseb disgħin (90) grad bl-użu tal-metodu tat-trijangolu 3:4:5;

(g) ssib ċentru ta' ark;

(h) tpinġi l-estensjoni ta' żewġ (2) punti eżistenti.

4. Tipi ta' arkati u l-applikazzjonijiet tagħhom inklużi metodi ta' installazzjoni.

5. Tipi ta' turġien, l-applikazzjonijiet tagħhom u r-regoli li għandhom jiġu osservati.

6. Linja ta' tluq u r-relazzjoni bejn l-għoli u t-tluq.

7. Disinn u abbozzar bl-għajnuna tal-kompjuter.

8. Litteriżmu fit-tpinġija arkitettonika.

9. Litteriżmu tat-tpinġija strutturali.

10. Ħila li jagħmel stħarriġ bażiku u li jistabbilixxi manwalment bl-użu ta' għodda analogi u bl-użu ta' għodod diġitali moderni.

B. SAĦĦA U SIGURTÀ:

1. Għarfien biżżejjed tal-miżuri preventivi fuq siti ta' kostruzzjoni u twaqqigħ, inkluż matul it-twettiq ta' alterazzjonijiet fil-bini u l-iskavar.

2. Għarfien biżżejjed tal-ilbies protettiv personali meħtieġ b'rabta mal-attivitajiet tal-bini.

3. Għarfien biżżejjed tar-rekwiżiti relatati mas-sigurtà ta' terzi persuni.

4. Għarfien biżżejjed tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u tar-regolamenti magħmula taħtu relatati mad-dmirijiet ta' bennej. Kap. 424.

5. Għarfien adegwat tal-pjattaformi tax-xogħol u s-sistemi tal-pontijiet tal-bennejja u jkun kapaċi jimplimenta s-sistema adegwata għall-użu sikur tal-kompitu partikolari.

6. L-installazzjoni u l-użu ta' slielem ta' aċċess.

7. Iċ-ċertifikazzjoni tal-makkinarju.

8. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza.

9. L-ewwel ajjutant.

10. Is-sikurezza kontra n-nirien.

11. Għarfien dwar miżuri preventivi fi spazji konfinati.

12. Il-valutazzjoni tar-riskju u d-dikjarazzjonijiet tal-metodu.

13. Pjanijiet ta' rfigħ.

Ċ. KOSTRUZZJONI TAL-BINI: Għarfien biżżejjed dwar it-teknoloġija u l-materjali lokali tal-bini:

1. Għarfien dwar il-kwalità u l-kompożizzjoni tal-materjal tal-bini użat fil-kostruzzjoni ta' ħitan, soqfa, kolonni u travi, kif ukoll metodi ta' bini adottati bl-użu ta' dawn il-materjali.

2. Għarfien dwar tipi differenti ta' tikħil, il-kompożizzjoni tagħhom u l-użu tagħhom.

3. Ħila ta' tħejjija tad-dettalji tal-fetħiet tal-bibien u t-twieqi, tal-prevenzjoni tad-dħul tal-ilma tax-xita, tal-balavostri u tal-arkati tal-ġebel.

4. Ħila tat-twettiq ta' alterazzjonijiet fil-bini eżistenti, inkluż l-użu ta' għodda tradizzjonali.

5. Ħila tal-interpretazzjoni tad-disinn u l-istallazzjoni tal-armar tax-xater b'rabta max-xogħol tal-ġebel u tal-kostruzzjoni.

6. Għarfien dwar id-dekostruzzjoni u l-metodi u l-proċessi tat-twaqqigħ.

7. Ħila tal-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet minuri ta' skavar permezz ta' għodda li jinżammu fl-idejn.

8. Ħila li tinftiehem id-differenza bejn xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar minuri u maġġuri.

9. Ħila li jintuża makkinarju sa tliet (3) tunnellati.

10. Għarfien adegwat tal-materjali u l-applikazzjonijiet kontra l-moffa.

11. Għarfien adegwat tal-materjali u l-applikazzjonijiet li ma jgħaddix ilma minnhom.

12. Għarfien adegwat tas-sistemi tal-ilma tax-xita u implimentazzjoni xierqa inkluż id-daqs tal-bir jew ġibjun.

13. Għarfien adegwat tas-sistemi tad-drenaġġ u l-implimentazzjoni xierqa tagħhom.

14. Għarfien adegwat tal-kostruzzjoni tat-tappieri u tat-trinek.

15. Għarfien adegwat tax-xogħlijiet u l-implimentazzjoni ta' "kontrabejt".

16. Għarfien dwar il-livelli u l-implimentazzjoni u l-interpolazzjoni tagħhom.

17. Għarfien dwar it-tipi ta' fondazzjonijiet u l-applikazzjonijiet tagħhom.

18. Għarfien dwar it-tipi ta' ħitan, il-materjali u l-applikazzjonijiet tagħhom.

19. Għarfien dwar il-metodi tat-tqegħid u l-livellar.

20. Għarfien dwar it-tipi u l-applikazzjonijiet ta' ħitan ta' żamma.

D. STRUTTURI TAL-KONKRIT:

1. Għarfien biżżejjed tal-kostitwenti ta' taħlitiet tal-konkrit, inkluż aggregat u kimika mħallta mal-konkos.

2. Għarfien biżżejjed ta' kompożizzjonijiet ta' taħlit differenti għall-konkrit u l-proprjetajiet differenti tagħhom.

3. Għarfien biżżejjed tal-metodi tal-ittestjar tal-konkrit fl-istat frisk, u l-preparazzjoni ta' testijiet ta' tajn u ta' kubi.

4. Għarfien biżżejjed tad-dettalji tar-rinfurzar tal-azzar użat fil-konkrit, inkluż l-ankraġġ, l-irbit, u prattiki simili oħra.

5. Għarfien biżżejjed tat-tekniki tal-konkos, l-inxif tal-konkrit u ż-żmien sabiex jinqatgħu x-xaters.

6. Għarfien biżżejjed dwar l-interpretazzjoni tad-dettalji tad-disinn tax-xogħol tax-xater kif ukoll it-twaqqif tiegħu.

7. Rinfurzar minimu f'ċangatura u l-pożizzjoni tagħha.

8. Kopertura minima tal-konkrit għar-rinfurzar tal-azzar u l-applikazzjoni xierqa tal-ispazjaturi.

9. It-tip ta' lintel u l-applikazzjoni tagħhom.

10. It-tipi ta' travi u l-applikazzjoni tagħhom.

11. L-ispazjar minimu ta' staffi fi ħdan travu.

12. It-tipi ta' kolonni tal-konkrit u l-applikazzjoni tagħhom.

13. L-ispazjar minimu tal-konnessjonijiet fi ħdan travu.

14. It-tulijiet minimi tal-irbit mal-vireg tar-rinfurzar.

15. It-tip ta' vireg u xbieki tar-rinfurzar tal-azzar inkluż l-applikazzjoni tagħhom.

16. L-elementi tal-kantilever u l-pożizzjonament tar-rinfurzar tal-azzar fihom.

17. Il-forzi tal-liwi tal-ġeżż fi ħdan travu.

18. L-identifikazzjoni taż-żoni ta' tensjoni u kompressjoni fi ħdan travu.

19. Il-bokkla fil-kolonni.

20. Għarfien dwar id-disinn bażiku tal-bażi tal-kolonna u r-rinfurzar fiha inkluż l-istarter bars.

E. ĦILIET OĦRA:

1. Interpretazzjoni ta' dettalji u l-eżekuzzjoni ta' dissinji arkitettoniċi, dettalji strutturali u ta' kostruzzjoni.

2. Fehim u l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe struzzjoni mogħtija lilu mill-Perit.

3. Identifikazzjoni ta' xi difetti waqt xogħlijiet ta' kostruzzjoni li sa fejn jaf hu jistgħu jirriżultaw f'bini difettuż jew f'kostruzzjoni ta' bini mhux xieraq.

4. Ħiliet fl-immaniġġjar tas-sit u l-ħarsien tar-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni. L.S. 623.08.

5. Ħiliet ta' koordinazzjoni sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa fuq is-sit f'termini ta' konsenja eżatt fil-ħin ta' materjali f'każijiet fejn żoni ta' ħżin ma jkunux disponibbli u ġestjoni

tar-riżorsi fuq is-sit.

6. Ħiliet ta' komunikazzjoni adegwata sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni tajba mal-partijiet interessati kollha.

7. Fehim tajjeb tax-xogħlijiet involuti fis-snajja' l-oħra kollha li huma meħtieġa sabiex titlesta struttura bażika tal-bini sabiex tkun tista' tipprepara għalihom u tidentifika meta ma jkunx ġie maħsub fuq il-pjan qabel ma jinbdew ix-xogħlijiet.

F. LEĠIŻLAZZJONI VINKOLANTI:

1. Għarfien adegwat tar-regolamenti sanitarji, ir-regolamenti tal-bini, u l-leġiżlazzjoni dwar l-ippjanar tal-iżvilupp u kwalunkwe regolament ieħor li joħroġ minnhom.